*- AMMISSJONI RIDUZZJONI -*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' April 2002**

**Numru : 35**
**Citaz. numru : 2122/00/RCP**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Wings Holdings Limited, ga ggib l-isem ta' J and C Limited, debitur principali, u Joseph Zammit u Christine Zammit, garanti solidali**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih il-Bank attur wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' Wings Holdings Limited (qabel J and C

Limited) hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u tmienja u erbghin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm21,248.29,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal Lm16,905.12,0 bilanc minn somma akbar lilha mislufa skond att tan-Nutar Victor John Bisazza tat-28 ta' Gunju 1989 (Dok. A), (Account No. 89 800 2179) u l-bilanc ta' Lm4,343.17,0 imghax fuq l-istess ammont sad-29 ta' Frar 2000 kif jidher mill-*Istatement* hawn anness Dok. B;

Illi s-socjeta' Wings Holdings Limited (qabel J and C Limited) hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' erbgha u hamsin elf, hames mija u tmienja u disghin lira u sitt centezmi (Lm54,598.06,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal Lm48,963.86,0 bilanc minn somma akhar lilha mislufa skond att tan-Nutar Victor John Bisazza tat-12 ta' Lulju 1995 (Dok. C), (Account No. 89 800 2187) u l-bilanc ta' Lm5,634.20,0 imghax fuq l-istess ammont sad-29 ta' Frar 2000kif jidher mill-*Istatement* hawn anness Dok. D;

Illi s-socjeta' Wings Holdings Limited (qabel J and C Limited) hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' tlettax-il elf, seba' mija u tmenin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm13,780.51,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal Lm10,950.40,0 bilanc minn somma akbar lilha mislufa skond att tan-Nutar Victor John Bisazza tat-12 ta' Lulju 1995 (Dok. E), (Account

No. 89 800 2195) u l-bilanc ta' Lm2,830.11,0 imghax fuq l-istess ammont sad-29 ta' Frar 2000 kif jidher mill-*Istatement* hawn anness Dok. F,.

Illi s-socjeta' Wings Holdings Limited (qabel J and C Limited) hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf mitejn u tnejn u sebghin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm24,272.22,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal Lm22,570.48,0 bilanc fil-kont kurrenti (*Overdraft Account – Account No*. 89 295 0237) u l-bilanc ta' Lm1,701.74,0 imghax fuq l-istess ammont sad-29 ta' Frar 2000 kif jidher mill-*Istatement* hawn anness Dok. G;

Illi ghalhekk s-socjeta' konvenuta Wings Holdings Limited hija debitrici lejn il-Bank attur fl-ammont globali ta' mija u tlettax-il elf tmien mija u disgha u disghin lira u tmien centezmi (Lm113,899.08,0) rappresentanti in kwantu ghal Lm99,389.86,0 kapital u l-bilanc ta' Lm14,509.22,0 imghax fuq l-istess kapital sad-29 ta' Frar 2000 kif qabel spjegat;

Illi l-konvenuti Joseph Zammit u Christine Zammit ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali favur il-Bank attur sal-ammont ta' sitta u tmenin elf lira Maltija (Lm86,000) kif jidher mill-*Guarantee Forms* hawn annessi bhala dokumenti H, I u J, kif ukoll mill-kuntratti fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza fuq imsemmija (Dokumenti

A, C u E);

U illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghal hlas baqghu inadempjenti.

U illi l-kreditu tal-Bank attur fis-somma globali ta' Lm113,899.08,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit tal-P.L. Nicholas Briffa, ir-rapprezentant tal-Bank attur, hawn anness Dok. X;

L-istess Bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta Wings Holdings Limited, debitrici principali thallas lill-istess Bank attur is-somma globali ta' Lm113,899.08,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; u

3. Hekk tikkundanna wkoll minnufih lill-konvenuti l-ohra Joseph Zammit u Christine Zammit, garanti

solidali, solidalment bejniethom u mas-socjeta' konvenuta Wings Holdings Limited, ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta Lm86,000.00,0 rapprezentanti l-ammont minnhom garanti u formanti parti mis-somma globali ta' Lm113,899.08,0 fuq imsemmija u dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mill-1 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minnissa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat in-nota tal-Bank attur li biha rriduca t-talba ghas-somma ta' tlieta u tmenin elf, disa' mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm83,992.66) *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif ridotta;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tal-konvenuti permezz ta' nota billi **tilqa' t-talba tal-Bank attur** limitatament

ghas-somma ta' tlieta u tmenin elf, disa' mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm83,992.66) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' April 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**17 ta' April 2002**